MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2012

Numru 1126/2008

**Il-Pulizija**
**(Spett. Dennis Theuma)**

**vs.**

**Michelle Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Michelle Bugeja, ta' 26 sena, bint Francis u Doreen nee Abela, imwielda il-Pieta fit-28 ta' Frar 1980, u residenti 34, Mdina Road, Qormi, , detentrici tal-Karta tal-Identita numru 176580(M).

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Novembru 2006 fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin (CCF) Rahal Gdid:

a) forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellha licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li tforni d-droga u ma kinietx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha licenzja jew xort’oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinietx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinietx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghha.

c) talli f’dawn il-Gzejjer fit-22 ta’ Novembru 2006, minghajr awtorita legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f’xi parti mill-konfini tal-Habs, u cioe fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, oggetti ikun li jkunu, specifikatament medicina perikoluza (droga eroina), liema oggett huwa projbit, u

dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) u (2) tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u l-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja, u wara li rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li rat il-verbal fis-seduta ta' 20 ta' Mejju 2011, fejn Dottor Patrick Valentino ghall-imputata ivverbalizza illi *"in vista ta' dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi 'Pulizija vs. Mark Lombardi' tat-12.04.2011, 'Pulizija vs Esron Pullicino' tat-12.04.2011 u 'Pulizija vs. Alvin Privitera' tal-11.04.2011 fejn gie ritenut mill-istess Qorti illi meta l-unika prova fl-atti processwali tkun l-istqarrija tal-istess imputat, liema stqarrija ittiehdet minghajr il-presenza tal-avukat, kif inhu fil-kaz odjern, huwa lesiv ghad-dritt fundamentali kif sancit f'Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jitlob li l-Qorti tordna illi l-istqarrija a fol. 25 et seq ma tibqax taghmel aktar parti minn dawn il-proceduri."*

Wara li rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Dicembru 2011, fejn ghar-ragunijiet hemm indikati, dina l-Qorti cahdet it-talba ghall-isfilz ta' l-istqarrija, u irriteniet illi r-rimedju li ghandu jinghata ghal ksur ta' smiegh xieraq ta' l-imputata: "*huwa propju dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta'* ***Privitera*** *fuq citat u cioe li l-Qorti tal-Magistrati "tevalwa l-validita u l-ammissibilita tal-provi migjuba quddiemha" fid-dawl tal-konkluzjonijiet tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-atti tal-kawza odjerna ghandhom jibqghu intatti, pero meta din il-Qorti tasal biex taghti s-sentenza ghandha tixtarr il-provi migjuba quddiemha sabiex tassigura li l-htija jew l-innocenza ta' l-imputata tigi esklussivament stabbilita minn provi mhux inkwinati minhabba li jilledu d-dritt ta' smiegh xieraq, u li l-istqarrija*

*de quo ma jkollha l-ebda influwenza, diretta jew indiretta, fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri kriminali."*

Ikkunsidrat:

Fil-kaz odjern, il-prosekuzzjoni qieghda tallega li fit-22 ta' Novembru 2006 meta l-imputata marret izzur lill-ex partner taghha, Mario Buhagiar, prigunier fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, hija ghaddietlu pakkett bl-eroina. Pero din id-droga ma instabitx, ghalkemm l-ufficjali tal-habs xehdu li raw lil Mario Buhagiar jibla' pakkett.[1]

Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2011, gie verbalizzat li *"Il-partijiet jaqblu li fil-kawza odjerna ma hemmx provi hlief l-istqarrija tal-imputata mehuda fis-sena 2006."* F'din l-istqarrija l-imputata ammettiet illi hija kienet ghaddiet pakkett eroina lil Mario Buhagiar, meta marret izzuru fil-habs. Pero, din l-istqarrija ittiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinietx tippermetti assistenza legali qabel isir l-interrogatorju, u konsegwentement din l-istqarrija ma jista' jkollha l-ebda influwenza diretta jew indiretta fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri kriminali ghaliex ittiehdet bi ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq tal-imputata, kif interpretat mill-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropea. Ghaldaqstant din l-istqarrija qed tigi skartata minn din il-Qorti.

Illi, kif gie verbalizzat mill-partijiet stess, ma hemm l-ebda provi ohra kontra l-imputata.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikolu 7(1) u (2) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata mhux hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u qed tilliberaha minnhom.

---

[1] Ara xhieda ta' CO Dorianne Giorgeva a fol. 13 tal-process, dik ta' CO 11 Godwin Aguis a fol. 15 tal-process, u dik ta' CO Conrad Saliba a fol. 17 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------